

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 101

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

10 ta' April 2013

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 322/2013 tad-9 ta' April 2013 li jniedi investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' evazzjoni ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari ta' Ċina permezz ta' importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkonsenjati mill-Indja u mill-Indoneżja, sew jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja u sew jekk le, u li jissoġġetta dawn l-importazzjonijiet għar-reġistrazzjoni.** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 323/2013 tad-9 ta' April 2013 li jżid mal-kwoti tas-sajd tal-2013 ċerti kwantitajiet miżmuma fis-sena 2012 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96** 5
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 324/2013 tad-9 ta' April 2013 li jstabbi-
lixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 27

DEĊIŻJONIJET

2013/173/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2013 dwar miżura adottata mid-Danimarka skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprojbixxi tip ta' makkinarju multifunzjonali li jintuża għat-tħaffir u l-ġarr ta' materjal (notifikata bid-dokument C(2013) 1874) (1).** 29

Prezz: EUR 4

(Ikompili fil-paġna li jmiss)

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2013/174/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2013 li tistabbilixxi l-lista tal-ispetturi tal-Unjoni skont l-Artikolu 79(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 (notifikata bid-dokument C(2013) 1882)** 31

2013/175/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2013 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 għal programm għall-kontroll tal-organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti u l-prodotti tal-pjanti fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej għall-2013 (notifikata bid-dokument C(2013) 1934)** 48



II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 322/2013

tad-9 ta' April 2013

li jniedi investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' evażjoni ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina permezz ta' importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkonsenjati mill-Indja u mill-Indoneżja, sew jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja u sew jekk le, u li jissoġġetta dawn l-importazzjonijiet għar-reġistrazzjoni.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3) u 14(5) tiegħu,

Wara li, b'konformità mal-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, ikkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IT-TALBA

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku biex tinvestiga l-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti fuq importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u biex tissoġġetta l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkonsenjati mill-Indja u mill-Indoneżja, għar-reġistrazzjoni, sew jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja u sew jekk le.

(2) Din it-talba ġiet ippreżentata fil-25 ta' Frar 2013 minn Saint-Gobain Adfors CZ spol. s.r.o., Tolnatek Fonalfeldolgozo, "Valmieras stikla škiedra" AS u Vitruhan Technical Textiles GmbH, erba' produttori tal-Unjoni ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ.

B. IL-PRODOTT

(3) Il-prodott ikkonċernat mill-possibbiltà ta' evażjoni huwa drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, b'daq ta' ċellula ta' aktar minn 1,8 mm, kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu iżjed minn 35 g/m², minbarra diski tal-fibra tal-ħġieġ, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari

taċ-Ċina, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7019 51 00 u ex 7019 59 00 ("il-prodott ikkonċernat").

(4) Il-prodott investigat huwa l-istess bħal dak definit fil-premessa preċedenti, iżda ikkonsenjat mill-Indja u mill-Indoneżja, sew jekk iddikjarat li joriġina mill-Indja u mill-Indoneżja u sew jekk le, u li bħalissa jaqa' taħt l-istess kodiċijiet NM bħall-prodott ikkonċernat ("il-prodott investigat").

C. IL-MIŻURI EŻISTENTI

(5) Il-miżuri attwalment fis-seħħ u li possibbilment qed jiġu evitati huma miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011 ⁽²⁾.

D. IR-RAĠUNIJIET

(6) It-talba tinkludi biżżejjed evidenza *prima facie* li l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina qed jiġu evitati permezz ta' trasbord mill-Indja u mill-Indoneżja.

(7) L-evidenza *prima facie* li ġiet ippreżentata hija din:

(8) It-talba turi li wara l-impożizzjoni tal-miżuri fuq il-prodott ikkonċernat, kien hemm bidla sinifikanti fil-mod kif isir il-kummerċ li jinvolvi l-esportazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, mill-Indja u mill-Indoneżja lejn l-Unjoni, u din il-bidla m'għandhiex raġuni jew ġustifikazzjoni b'saħħitha biżżejjed, għajr dik tal-impożizzjoni tad-dazju.

(9) Jidher li din il-bidla ġeja mit-trasbord ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina permezz tal-Indja u l-Indoneżja lejn l-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 204, 9.8.2011, p. 1.

- (10) Barra minn hekk, it-talba fiha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-effetti ta' rimedju tal-miżuri anti-dumping eżistenti fuq il-prodott ikkonċernat qed jiddgħajfu kemm fil-kwantità kif ukoll fil-prezz. Volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat jidher li ħadu post l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, hemm biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott investigat qed isiru bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezz mhux dannuż stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti.
- (11) Fl-aħħar nett, it-talba fiha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-prezzijiet tal-prodott investigat huma oġġett ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit qabel għall-prodott ikkonċernat.
- (12) Jekk il-prattiki ta' evażjoni permezz tal-Indja u l-Indoneżja koperti mill-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, għajr it-trasbord, ikunu identifikati fl-investigazzjoni, l-investigazzjoni tista' tkopri wkoll dawn il-prattiki.

E. IL-PROCĊEDURA

- (13) Fid-dawl ta' li ntqal fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika t-tnedija ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku u li tissoġġetta l-importazzjonijiet tal-prodott investigat għal reġistrazzjoni, sew jekk ikun iddikjarat li joriġina mill-Indja u mill-Indoneżja u sew jekk le, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(a) Il-Kwestjonarji

- (14) Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li hemm bżonn għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-esportaturi/produtturi magħrufa u lill-assoċjazzjonijiet tal-esportaturi/produtturi magħrufa fl-Indja u l-Indoneżja, lill-esportaturi/produtturi magħrufa u lill-assoċjazzjonijiet tal-esportaturi/produtturi magħrufa fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-importaturi magħrufa u lill-assoċjazzjonijiet tal-importaturi magħrufa fl-Unjoni u lill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Indja u l-Indoneżja. Kif xieraq, l-informazzjoni tista' tintalab ukoll mingħand l-industrija tal-Unjoni.
- (15) Fkull każ, il-partijiet interessati kollha għandhom jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih, u mhux iktar tard mill-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u jitolbu kwestjonarju fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament, peress li l-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament japplika għall-partijiet interessati kollha.
- (16) L-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, tal-Indja u tal-Indoneżja se jkunu mgħarrfa bil-bidu tal-investigazzjoni.

(b) Il-ġbir ta' tagħrif u s-seduti ta' smigħ

- (17) Il-partijiet kollha interessati huma b'dan mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jagħtu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, sakemm dawn jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu.

(c) L-eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri

- (18) B'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat jistgħu jiġu eżentati mir-reġistrazzjoni jew mill-miżuri jekk l-importazzjoni ma tkunx tikkostitwixxi evażjoni.
- (19) Minħabba li l-evażjoni possibbli sseħħ barra l-Unjoni, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet, skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, lill-produtturi fl-Indja u fl-Indoneżja ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, b'daqs taċ-ċellula ta' aktar minn 1,8 mm, kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u li jiżen iżjed minn 35 g/m², minbarra diski tal-fibra tal-ħġieġ, li jistgħu juru li ma għandhom l-ebda relazzjoni ⁽¹⁾ ma' xi produttur li hu suġġett għall-miżuri eżistenti ⁽²⁾ u li ma jinstabux li qed iwettqu Prattiki ta' evażjoni kif imfisser fl-Artikoli 13(1) u 13(2) tar-Regolament bażiku. Il-produtturi li jixtiequ jiksbu eżenzjoni għandhom iressqu talba sostnuta b'evidenza xierqa fil-limitu taż-żmien indikat fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament.

F. IR-REĠISTRAZZJONI

- (20) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, importazzjonijiet tal-prodott investigat għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni sabiex jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'sejbiet ta' evażjoni, ikunu jistgħu jiġu imposti dazji anti-dumping minn dakinhar meta tkun ġiet imposta r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet bħal dawn ikkonsenjati mill-Indja u mill-Indoneżja.

⁽¹⁾ B'konformità mal-Artikolu 143 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1) rigward l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali Komunitarju, il-persuni jitqiesu li jkunu relatati biss jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju ta' xulxin; (b) ikunu legalment rikonoxxuti bħala sħab fin-negozju; (c) huma l-impjegatur u l-impjegat; (d) kwalunkwe persuna li direttament jew indirettament hija s-sid, tikkontrolla jew għandha 5 % jew iżjed tal-ishma jew tal-kwoti tal-ishma li jivvutaw jew tat-tnejn li huma; (e) wieħed minnhom, direttament jew indirettament, jikkontrolla lill-ieħor; (f) it-tnejn li huma jinsabu direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien huma direttament jew indirettament jikkontrollaw terza persuna; jew (h) huma membri tal-istess familja. Persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom biss xi waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'dan il-kuntest "persuna" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika.

⁽²⁾ Jekk il-produtturi ikunu relatati fis-sens ta' hawn fuq ma' kumpaniji suġġetti għall-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, eżenzjoni tista' tingħata xorta jekk ma jkun hemm l-ebda evidenza li r-relazzjoni mal-kumpaniji suġġetti għall-miżuri oriġinali kienu stabbiliti jew użati biex ikunu hemm evażjoni tal-miżuri oriġinali.

G. IL-LIMITI TAŻ-ŻMIEN

- (21) Fl-interess ta' amministrazzjoni soda, għandhom jiġu ddikjarati limiti taż-żmien li matulhom:
- il-partijiet interessati jkunu jistgħu jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni, jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jressqu l-kwestjonarju mimli jew kwalunkwe informazzjoni oħra li għandha titqies matul l-investigazzjoni,
 - il-produtturi mill-Indja u mill-Indoneżja jistgħu jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet jew miżuri,
 - il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.
- (22) Qed tingħied l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju ta' ħafna mid-drittijiet proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku jiddependi mill-fatt li l-parti tippreżenta ruħha fil-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

H. IN-NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI

- (23) F'każijiet fejn xi parti interessata tiċħad l-aċċess jew ma tippovdix it-tagħrif meħtieġ fil-limiti taż-żmien, jew tfixxkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, jistgħu jsiru sejbiet, pożittivi jew negattivi, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, abbażi tal-fatti disponibbli.
- (24) Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat tagħrif falz jew qarrieqi, dan it-tagħrif għandu jiġi injorat u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.
- (25) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u għalhekk is-sejbiet ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli b'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku din kienet ikkooperat.

I. L-ISKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI

- (26) L-investigazzjoni se tintemm, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

J. L-IPPROĊESSAR TAD-DEJTA PERSONALI

- (27) Ta' min jinnota li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta⁽¹⁾.

K. L-UFFIĊJAL TAS-SEDUTA

- (28) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ. L-

Uffiċjal tas-Seduta jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrevedi t-talbiet għall-aċċess tal-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għall-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-talbiet minn partijiet terzi għal smiġh. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduta ta' smiġh ma' parti interessata individwali u jagħmilha ta' medjatur sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jitħaddmu b'mod sħiħ.

- (29) It-talba għal seduta ta' smiġh mal-Uffiċjal tas-Seduta għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet tat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta se jagħti wkoll opportunitajiet biex isir smiġh li jinvolvi lill-partijiet u li jippermetti li jitressqu fehmiet differenti u argumenti kuntrarji.
- (30) Għal aktar informazzjoni u dettalji ta' kuntatt il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni tal-Internet tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/tackling-unfair-trade/hearing-officer/index_en.htm,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan tnediet investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 biex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, b'daq taċ-ċellula ta' iktar minn 1,8 mm kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u li jiżen iżjed minn 35 g/m², minbarra diski tal-fibra tal-ħġieġ, ikkonsenjati mill-Indja u mill-Indoneżja, u sew jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7019 51 00 u ex 7019 59 00 (kodiċijiet TARIC 7019 51 00 14, 7019 51 00 15, 7019 59 00 14 u 7019 59 00 15), humiex jevitaw il-miżuri imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 791/2011.

Artikolu 2

L-awtoritajiet Doganali, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni, permezz ta' regolament, tista' titlob lill-awtoritajiet Doganali jwaqqfu r-reġistrazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti manifatturati minn produtturi li jkunu applikaw għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni u li jkunu nstabu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjoni.

Artikolu 3

1. Il-kwestjonarji għandhom jintalbu mill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

2. Il-partijiet interessati, jekk ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom iridu jitqiesu waqt l-investigazzjoni, iridu jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jressqu l-kwestjonarju mimli jew kwalunkwe informazzjoni oħra fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

3. Il-produtturi fl-Indja u fl-Indoneżja li jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri jridu jippreżentaw talba sostnuta b'evidenza xierqa fi ħdan l-istess limitu taż-żmien ta' 37 jum.

4. Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw sabiex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu taż-żmien ta' 37 jum.

5. Il-partijiet interessati jeħtieġ li jagħmlu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha f'format elettroniku (sottomissjonijiet li mhumiex kunfidenzjali permezz tal-posta elettronika, daww kunfidenzjali fuq CD-R/DVD), u jridu jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks tagħhom. Madankollu, kull Prokura, kull ċertifikazzjoni ffirmata, u kull aġġornament tagħhom, li jakkumpanjaw it-tweġibiet għall-kwestjonarju għandhom jitressqu fuq karta, jiġifieri bil-posta jew bl-idejn, fl-indirizz ta' hawn taħt. Jekk xi parti interessata ma tkunx tista' tagħti s-sottomissjonijiet u t-talbiet tagħha f'format elettroniku, din għandha tgħarraf minnufih lill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku. Għal aktar

informazzjoni dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġna web rilevanti fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: <http://ec.europa.eu/trade/tackling-unfair-trade/trade-defence>

Kull sottomissjoni bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza mogħtija mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali trid tkun immarkata "Ristrett" ⁽¹⁾ u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandha tkun akkumpanjata minn verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata "Għall-ispezzjoni minn partijiet interessati".

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: N105 08/20
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Faks +32 22993704
Posta elettronika: Trade-R571-AC-mesh@ec.europa.eu

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ Dokument "Ristrett" huwa dokument meqjus kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Anti-dumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 323/2013

tad-9 ta' April 2013

li jżid mal-kwoti tas-sajd tal-2013 ċerti kwantitajiet miżmuma fis-sena 2012 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni, qabel il-31 ta' Ottubru tas-sena ta' applikazzjoni tal-kwota tas-sajd alllokata lilhom, biex iżommu ammont massimu ta' 10 % ta' dik il-kwota sabiex jiġi trasferit għas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni għandha żżid l-kwantità miżmuma mal-kwota rilevanti.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2010 tat-13 ta' Diċembru 2010 li jiffissa għall-2011 u l-2012 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-UE għal stokkijiet ta' ħut ta' ċerti speċijiet tal-baħar fond ⁽²⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1256/2011 tat-30 ta' Novembru 2011 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2012 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1124/2010 ⁽³⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 5/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jstabbilixxi għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed ⁽⁴⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2012 tas-17 ta' Jannar 2012 li jiffissa, għall-2012, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li mhumiex suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ⁽⁵⁾ u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 44/2012 tas-17 ta' Jannar 2012 li jiffissa għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE, u għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ⁽⁶⁾, jiffissaw il-kwoti tas-sajd għal ċerti stokkijiet għall-2012 u jispesifikaw liema stokkijiet jistgħu jkunu suġġetti għall-miżuri previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96.

- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1262/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 li jiffissa għall-2013 u l-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond ⁽⁷⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1088/2012 tal-20 ta' Novembru 2012 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2013 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku ⁽⁸⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1261/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 jstabbilixxi għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed ⁽⁹⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 39/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa, għall-2013, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li mhumiex suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ⁽¹⁰⁾ u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati ⁽¹¹⁾, jiffissaw il-kwoti tas-sajd għal ċerti stokkijiet għall-2013.
- (4) Ċerti Stati Membri talbu, qabel il-31 ta' Ottubru 2012, skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96, illi parti mill-kwoti tagħhom għall-2012 jinżammu u jiġu trasferiti għas-sena ta' wara. Fil-limiti indikati f'dak ir-Regolament, il-kwantitajiet miżmuma għandhom jiġu miżjudha mal-kwota tas-sena 2013.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd iffissati għall-2013 fir-Regolamenti (UE) Nru 1262/2012, (UE) Nru 1088/2012, (UE) Nru 1261/2012, (UE) Nru 39/2013 u (UE) Nru 40/2013 qed jiżiedu kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 336, 21.12.2010, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 320, 3.12.2011, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 3, 6.1.2012, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 25, 27.1.2012, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 25, 27.1.2012, p. 55.

⁽⁷⁾ ĠU L 356, 22.12.2012, p. 22.

⁽⁸⁾ ĠU L 323, 22.11.2012, p. 2.

⁽⁹⁾ ĠU L 356, 22.12.2012, p. 19.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 23, 25.1.2013, p. 1.

⁽¹¹⁾ ĠU L 23, 25.1.2013, p. 54.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

ID tal-Pajjiż	ID tal-istokk	Speċi	Isem taż-żona	Kwota finali fl-2012 (1) (ftunnellati)	Qabdiet fl-2012 (ftunnellati)	Qabdiet f'kundizzjonijiet speċjali fl-2012 (ftunnellati)	Kwota finali (%)	Kwantità trasferita (ftunnellati)
BEL	ANF/07.	Petriċa	Iż-żona VII	1 688	1 374,2	141,7	89,80	168,8
BEL	ANF/2AC4-C	Petriċa	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	358	132,6		37,04	35,8
BEL	ANF/8ABDE.	Petriċa	Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIIc u VIIIe	95	59,7		62,84	9,5
BEL	COD/07 A.	Merluzz	Iż-żona VIIa	28	22,9		81,79	2,8
BEL	COD/07D.	Merluzz	Iż-żona VIIc	71	39,8		56,06	7,1
BEL	COD/7XAD34	Merluzz	Iż-żoni VIIb, VIIc, VIIe-k, VIII, IX u X, l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1	327	288,9		88,35	32,7
BEL	HAD/07 A.	Haddock	Iż-żona VIIa	39	12,8		32,82	3,9
BEL	HAD/5BC6 A.	Haddock	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VIa	7	0		0	0,7
BEL	HAD/6B1214	Haddock	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIb, XII u XIV	8	0		0	0,8
BEL	HAD/7X7A34	Haddock	Iż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1	243	235,4		96,87	7,6
BEL	HKE/2AC4-C	Marlozz	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	32	27,1		84,69	3,2
BEL	HKE/571214	Marlozz	Iż-żoni VI u VII; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	23	9,7		42,17	2,3
BEL	HKE/8ABDE.	Marlozz	Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIIc u VIIIe	10	2,6		26	1
BEL	LEZ/07.	Megrims	Iż-żona VII	659	600,9		91,18	58,1
BEL	LEZ/2AC4-C.	Megrims	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	9	0,2		2,2	0,9
BEL	LIN/04-C	Ling	L-ilmijiet tal-UE taż-żona IV	24	11,7		48,75	2,4
BEL	LIN/6X14.	Ling	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV	74	61,4		82,97	7,4
BEL	NEP/07.	Ksampu	Iż-żona VII	72	6,4		8,89	7,2
BEL	NEP/2AC4-C	Ksampu	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	1 268	372,6		29,38	126,8
BEL	NEP/8ABDE.	Ksampu	Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIIc u VIIIe	6	1,4		23,33	0,6

ID tal-Pajjiż	ID tal-istokk	Speċi	Isem taż-żona	Kwota finali fl-2012 (1) (ftunnellati)	Qabdiet fl-2012 (ftunnellati)	Qabdiet f'kundizzjonijiet speċjali fl-2012 (ftunnellati)	Kwota finali (%)	Kwantità trasferita (ftunnellati)
BEL	PLE/07 A.	Barbun tat-tbajja'	Iż-żona VIIa	433	235,6		54,41	43,3
BEL	PLE/7DE.	Barbun tat-tbajja'	Iż-żoni VIId u VIIe	1 216	1 167,7		96,03	48,3
BEL	PLE/7HJK.	Barbun tat-tbajja'	Iż-żoni VIIh, VIIj u VIIk	2	1,4		70	0,2
BEL	SOL/07 A.	Lingwata komuni	Iż-żona VIIa	246	221,7		90,12	24,3
BEL	SOL/07D.	Lingwata komuni	Iż-żona VIId	1 689	939,2		55,61	168,9
BEL	SOL/07E.	Lingwata komuni	Iż-żona VIIe	40	37,4		93,5	2,6
BEL	SOL/24-C	Lingwata komuni	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni II u IV	1 558	601,1		38,58	155,8
BEL	SOL/7FG.	Lingwata komuni	Iż-żoni VIIf u VIlg	867,9	839,7		96,75	28,2
BEL	SOL/7HJK.	Lingwata komuni	Iż-żoni VIIh, VIIj u VIIk	39	18,1		46,41	3,9
BEL	SOL/8AB.	Lingwata komuni	Iż-żoni VIIa u VIIb	386	385,2		99,79	0,8
BEL	SRX/07D.	Rebukkini u Raj	L-ilmijiet tal-UE taż-żona VIId	63	8,3	46,8	87,46	6,3
BEL	SRX/2AC4-C	Rebukkini u Raj	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	208	28	156,9	88,89	20,8
BEL	SRX/67AKXD	Rebukkini u Raj	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k	1 422	112	1 183,6	91,11	126,4
BEL	SRX/89-C	Rebukkini u Raj	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni VIII u IX	10	0,3	3,3	36	1
BEL	WHG/07 A.	Merlangu	Iż-żona VIIa	5	4,4		88	0,5
BEL	WHG/7X7 A-C	Merlangu	Iż-żoni VIIb, VIIc, VIId, VIIe, VIIf, VIlg, VIIh, VIIj u VIIk	326	235,4		72,2	32,6
DEU	ANF/07	Petriċa	Iż-żona VII	339	269,926		79,62	33,9
DEU	ANF/2AC4-C	Petriċa	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	386	260,977		67,61	38,6
DEU	(ANF/56-14)	Petriċa	Iż-żona VI; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	154	142,055		92,24	11,945
DEU	ARU/1/2.	Arġentina silus	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II	33	0		0	3,3
DEU	ARU/34-C	Arġentina silus	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni III u IV	22	0		0	2,2

ID tal-Pajjiż	ID tal-istokk	Speċi	Lsem taż-żona	Kwota finali fl-2012 ⁽¹⁾ (t'tunnellati)	Qabdiet fl-2012 (t'tunnellati)	Qabdiet f'kundizzjonijiet speċjali fl-2012 (t'tunnellati)	Kwota finali (%)	Kwantità trasferita (t'tunnellati)
DEU	ARU/567.	Arġentina silus	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII	1 036	537,699		51,9	103,6
DEU	BLI/03-	Linarda	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona III	2	0		0	0,2
DEU	BLI/24-	Linarda	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni II u IV	4	0		0	0,4
DEU	BSF/1234-	Ċinturin iswed	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III u IV	3	0		0	0,3
DEU	COD/03AS.	Merluzz	Kattegat	2	0,051		2,55	0,2
DEU	COD/3DX32	Merluzz	l-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizionijiet 25 sa 32	4 811,48	2 457,146		51,07	481,148
DEU	GFB/1234-	Lipp abjad	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III u IV	9	0		0	0,9
DEU	GFB/567-	Lipp abjad	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII	10	0		0	1
DEU	HAD/5BC6 A.	Haddock	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VIa	8	0,079		0,99	0,8
DEU	HAD/6B1214	Haddock	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIb, XII u XIV	10	0		0	1
DEU	HER/5B6ANB	Aringa	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN	1 979	1 829,419		92,44	149,581
DEU	HER/7G-K.	Aringa	VIIg, VIIh, VIIj u VIIk	253	230,034		90,92	22,966
DEU	HKE/2AC4-C	Marlozz	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	102	101,746		99,75	0,254
DEU	JAX/2A-14	Sawrell u qabdiet inċidentali assoċjati	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa; VI, VIIa-c, VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIIc u VIIIe; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	17 471	17 054,643		97,61	416,357
DEU	LEZ/2AC4-C	Megrims	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	6	1,426		23,76	0,6
DEU	LIN/04-C	Ling	L-ilmijiet tal-UE taż-żona IV	100,3	32,75		32,65	10,03
DEU	LIN/1/2.	Ling	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II	9	0,44		0,44	0,9
DEU	LIN/3A/BCD	Ling	Iż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIIbcd	1,5	0,561		37,4	0,15
DEU	LIN/6X14.	Ling	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV	4	3,927		98,18	0,073
DEU	NEP/2AC4-C	Ksampu	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	836,5	385,681		46,10	83,65
DEU	NEP/3A/BCD	Ksampu	Iż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizionijiet 22 sa 32	15	10,876		72,51	1,5

ID tal-Pajjiż	ID tal-istokk	Speċi	Isem taż-żona	Kwota finali fl-2012 ⁽¹⁾ (f'tunnellati)	Qabdiet fl-2012 (f'tunnellati)	Qabdiet f'kundizzjonijiet speċjali fl-2012 (f'tunnellati)	Kwota finali (%)	Kwantità trasferita (f'tunnellati)
DEU	POK/56-14	Pollakkju	Iż-żona VI; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, XII u XIV	12,7	8,509		67	1,27
DEU	RNG/03-	Roundnose grenadier	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona III	5	0		0	0,5
DEU	RNG/124-	Roundnose grenadier	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II u IV	1	0		0	0,1
DEU	RNG/5B67-	Roundnose grenadier	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VI, VII	5	0		0	0,5
DEU	SAN/2A3A4.	Ċiċċirell	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIa u IV	1 739	1 708,431		98,24	30,569
DEU	SOL/24-C	Lingwata komuni	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni II u IV	1 075	440,31		40,96	107,5
DEU	SOL/3 A/BCD	Lingwata komuni	Iż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizjonijiet 22 sa 32	34	11,875		34,93	3,4
DEU	SRX/2AC4-C	Rebakkini u Raj	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	17	16,689		98,17	0,311
DEU	SRX/67AKXD	Rebakkini u Raj	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIIe-k	14	0,532		3,8	1,4
DEU	USK/04-C	Tusk	L-ilmijiet tal-UE taż-żona IV	18	0,564		3,13	1,8
DEU	USK/1214EI	Tusk	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II u XIV	7	0,02		0,29	0,7
DEU	USK/3 A/BCD	Tusk	Iż-żona IIIa, l-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizjonijiet 22-32	7	0		0	0,7
DNK	ANF/2AC4-C	Petriċa	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	789	278,33		35,28	78,9
DNK	ARU/34-C	Arġentina silus	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni III u IV	1 063	31,24		2,94	106,3
DNK	BLI/03-	Linarda	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona III	4	0,16		4	0,4
DNK	BLI/24-	Linarda	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni II u IV	4	0,01		0,25	0,4
DNK	COD/03AS.	Merluzz	Kattegat	97	64,68		66,68	9,7
DNK	COD/3DX32	Merluzz	l-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizjonijiet 25 sa 32	16 164	0	11 712,46	72,46	1 616,4
DNK	GHL/2 A-C46	Ħalibatt ta' Groenlandja	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VI	2	0		0	0,2
DNK	HKE/3 A/BCD	Marlozz	Iż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizjonijiet 22 sa 32	1 698	300,23		17,68	169,8

ID tal-Pajjiż	ID tal-istokk	Speċi	Lsem taż-żona	Kwota finali fl-2012 (1) (ftunnellati)	Qabdiet fl-2012 (ftunnellati)	Qabdiet f'kundizzjonijiet speċjali fl-2012 (ftunnellati)	Kwota finali (%)	Kwantità trasferita (ftunnellati)
DNK	JAX/2 A-14	Sawrell u qabdiet inċidentali assoċjati	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa; VI, VIIa-c,VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIII d u VIIIe; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	4 356	3 929,29		90,20	426,71
DNK	LEZ/2AC4-C	Megrims	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	21	13,67		65,1	2,1
DNK	LIN/04-C	Ling	L-ilmijiet tal-UE taż-żona IV	173,3	92,76		53,53	17,33
DNK	LIN/1/2.	Ling	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II	9	0		0	0,9
DNK	LIN/3 A/BCD	Ling	Iż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIIbcd	73,5	68,19		92,78	5,31
DNK	LIN/6X14.	Ling	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV	6	0		0	0,6
DNK	NEP/2AC4-C	Ksampu	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	1 284	496,22		38,65	128,4
DNK	NEP/3 A/BCD	Ksampu	Iż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizionijiet 22 sa 32	4 775	2 972,18		62,24	477,5
DNK	PRA/2AC4-C	Gambli tat-Tramuntana	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	2 576	92,69		3,6	257,6
DNK	RNG/03-	Roundnose grenadier	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona III	804	0		0	80,4
DNK	SAN/2A3A4.	Ċićirell	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIa u IV	51 799	51 748,42		99,9	50,58
DNK	SOL/24-C	Lingwata komuni	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni II u IV	601	418,4		69,62	60,1
DNK	SOL/3 A/BCD	Lingwata komuni	Iż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizionijiet 22 sa 32	589	321,3		54,55	58,9
DNK	SRX/03 A-C.	Rebukkini u Raj	L-ilmijiet tal-UE taż-żona IIIa	50	7,92		15,84	5
DNK	SRX/2AC4-C	Rebukkini u Raj	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	9	2,79	0,3	34,33	0,9
DNK	USK/04-C	Tusk	L-ilmijiet tal-UE taż-żona IV	59	3,39		5,75	5,9
DNK	USK/3 A/BCD	Tusk	Iż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizionijiet 22 sa 32	13	0,77		5,92	1,3
ESP	ANE/9/3411	Inċova	Iż-żoni IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1	5 285,72	4 754,38		89,95	528,572
ESP	ANF/07	Petriċa	Iż-żona VII	2 974	2 533,7		85,2	297,4
ESP	ANF/56-14	Petriċa	Iż-żona VI; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	275	107,04		38,92	27,5

ID tal-Pajjiż	ID tal-istokk	Speċi	Isem taż-żona	Kwota finali fl-2012 (1) (ftunnellati)	Qabdiet fl-2012 (ftunnellati)	Qabdiet f'kundizzjonijiet speċjali fl-2012 (ftunnellati)	Kwota finali (%)	Kwantità trasferita (ftunnellati)
ESP	ANF/8ABDE.	Petriċa	Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIII d u VIIIe	1 304	906,22		69,5	130,4
ESP	ANF/8C3411	Petriċa	Iż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1	2 036,92	1 592,71		78,19	203,692
ESP	BLI/12INT-	Linarda	L-ilmijiet internazzjonali taż-żona XII	832,29	203,62		24,47	83,229
ESP	GFB/567-	Lipp abjad	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII	577,5	569,91	7,37	99,96	0,22
ESP	GHL/2 A-C46	Ħalibatt ta' Groenlandja	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VI	2	0		0	0,2
ESP	HAD/6B1214	Haddock	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIb, XII u XIV	3	0		0	0,3
ESP	HKE/8ABDE.	Marlozz	Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIII d u VIIIe	8 005	6 116,55	1 836,31	99,35	52,14
ESP	HKE/8C3411	Marlozz	Iż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1	8 312	5 835,84		70,21	831,2
ESP	JAX/08C.	Sawrell u qabdiet inċidentali assoċjati	Iż-żona VIIIc	12 195,1	8 275,72		67,86	1 219,51
ESP	JAX/09.	Sawrell u qabdiet inċidentali assoċjati	Iż-żona IX	9 787,77	8 160,6		83,38	978,777
ESP	JAX/2 A-14	Sawrell u qabdiet inċidentali assoċjati	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa; VI, VIIa-c, VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIII d u VIIIe; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	5 510,1	5 505,97		99,93	4,13
ESP	LEZ/07.	Megrims	Iż-żona VII	5 599	3 578,9		63,92	559,9
ESP	LEZ/56-14	Megrims	Iż-żona VI; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	424	208,12		49,08	42,4
ESP	LEZ/8ABDE.	Megrims	Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIII d u VIIIe	601	418,23		69,59	60,1
ESP	LEZ/8C3411	Megrims	Iż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1	877,7	657,16		74,87	87,77
ESP	LIN/6X14.	Ling	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV	2 457	1 600,71		65,15	245,7
ESP	NEP/07.	Ksampu	Iż-żona VII	1 374,8	284,53	200,74	35,3	137,48
ESP	NEP/08C.	Ksampu	Iż-żona VIIIc	77	20,19		26,22	7,7

ID tal-Pajjiż	ID tal-istokk	Speċi	Isem taż-żona	Kwota finali fl-2012 ⁽¹⁾ (ftunnellati)	Qabdiet fl-2012 (ftunnellati)	Qabdiet f'kundizzjonijiet speċjali fl-2012 (ftunnellati)	Kwota finali (%)	Kwantità trasferita (ftunnellati)
ESP	NEP/5BC6.	Ksambu	Iż-żona VI; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb	32	0,08		0,25	3,2
ESP	NEP/8ABDE.	Ksambu	Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIIc u VIIIe	22	1,56		7,09	2,2
ESP	RNG/5B67-	Roundnose grenadier	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VI, VII	118	117,94		99,95	0,06
ESP	RNG/8X14-	Roundnose grenadier	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII, IX, X, XII u XIV	3 798	3 386,93	134,35	92,71	276,72
ESP	SBR/09-	Paġell	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona IX	685	91,3	9	14,64	68,5
ESP	SBR/10-	Paġell	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona X	10	0		0	1
ESP	SBR/678-	Paġell	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII	122	119,77		98,17	2,23
ESP	SRX/67AKXD		L-ilmijiet tal-UE taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k	767	5,11	279,23	37,07	76,7
ESP	SRX/89-C.	Rebakkini u Raj	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni VIII u IX	1 285	537,07	518,4	82,14	128,5
ESP	WHB/8C3411	Stokkafixx	Iż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1	11 013,9	5 975,21		54,25	1 101,39
ESP	WHG/56-14	Merlangu	Iż-żona VI; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb, l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	1	0		0	0,1
ESP	WHG/7X7 A-C	Merlangu	Iż-żoni VIIb, VIIc, VIId, VIIe, VIIf, VIIg, VIIh, VIIj u VIIk	12	5,98		49,83	1,2
EST	COD/3DX32.	Merluzz	L-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizjonijiet 25 sa 32	1 236,6	0	685,796	55,46	123,66
EST	HER/03D.RG	Aringa	Is-sottodivizjoni 28.1	14 008	13 788,559		98,43	219,441
FIN	COD/3DX32.	Merluzz	L-ilmijiet tal-UE tas-sottodivizjonijiet 25 sa 32	1 680,92	0	1 512,153	89,96	168,092
FIN	HER/30/31.	Aringa	Is-sottodivizjonijiet 30-31	109 385	0	98 144,159	89,72	10 938,5
FRA	ALF/3X14-	Alfonsinos	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV	22	7,5		34,09	2,2
FRA	ANF/07.	Petriċa	Iż-żona VII	18 835	13 054,1		69,31	1 883,5
FRA	ANF/2AC4-C	Petriċa	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	72	16,8		23,33	7,2

ID tal-Pajjiż	ID tal-istokk	Speċi	Isem taż-żona	Kwota finali fl-2012 (1) (ftunnellati)	Qabdiet fl-2012 (ftunnellati)	Qabdiet f'kundizzjonijiet speċjali fl-2012 (ftunnellati)	Kwota finali (%)	Kwantità trasferita (ftunnellati)
FRA	ANF/56-14	Petriċa	Iż-żona VI; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	2 516	1 660		65,98	251,6
FRA	ANF/8ABDE.	Petriċa	Iż-żoni VIIa, VIIb, VIII u VIIIe	7 786	5 541,4		71,17	778,6
FRA	ANF/8C3411	Petriċa	Iż-żoni VIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1	25	16,5		66	2,5
FRA	ARU/1/2.	Arġentina silus	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II	9	0,3		3,33	0,9
FRA	ARU/34-C	Arġentina silus	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni III u IV	8	1,5		18,75	0,8
FRA	ARU/567.	Arġentina silus	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII	8	0		0	0,8
FRA	BLI/12INT-	Linarda	L-ilmijiet internazzjonali taż-żona XII	21	0		0	2,1
FRA	BLI/24-	Linarda	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni II u IV	27	9,3		34,44	2,7
FRA	BLI/5B67-	Linarda	L-ilmijiet internazzjonali u tal-UE taż-żoni Vb, VI, VII	1 926,4	1 601,9		83,16	192,64
FRA	BSF/1234-	Ċinturin iswed	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III u IV	4	0,1		2,5	0,4
FRA	BSF/56712-	Ċinturin iswed	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI, VII u XII	2 080,9	1 752,9		84,24	208,09
